MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Numru 340/2007

Il- Pulzija
(Spettur Mario Tonna)

-vs-

Anthony Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Anthony Mallia ta' 36 sena mwieled nhar il-11 ta' Marzu, 1971 imwieled il-Pieta bin Joseph u Margaret Nee' Spiteri residenti gewwa 290, Flat 5 Triq Manwel Dimech Street, Sliema jew 19, Sqaq il-Knisja, Zabbar, detentur ta' Karta ta' l-identita' Nru 137271M

Akkuzat talli illum is-17 ta’ April, 2007 ghall-habta ta’ 7.00am gewwa Pjazza San Luqa, Pieta (G’Mangia) kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Pieta’;

Ittanta li jattakka jew jaghmel resistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta’ PC1459 M.A. Buttigieg u PC224 J.Farrugia liema attentat ma sehhx minhabba xi haga accidentali ta’ l-imputat u dan ai terminu tal-artikoli 41, 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew jbezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Pieta’ ma obediex l-ordnijiet legittimi mghotija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontajament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai termini tal-artikolu 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta hekk mitlub irrifjutajt jew tajt falz ismek, kunjomok, fejn toqghod u partikularitajiet ohra lill-istess ufficjali pubblici, meta kont mitlub u dan ai terminu tal- artikolu 338 (g) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi tlajjajt fi Pjazza San Luqa, Pieta jew f'diametru ta' mitt metru madwar l-imsemmija pjazza minghajr raguni xierqa u dan ai terminu tal-bye law tal-Kunsill Lokali tal-Pieta' li saret in vigore f' Lulju 2006 (Government Gazette of Malta No. 17, 941 – 11.07.2006).

Rat id-dokumenti prezentati

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u tghati zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 41, 92, 95, 96, 338 (dd), 338 (ee), 338 (g), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 3 tal-Bye Law tal-Kunsill Lokali tal-Pieta' KLBL 47/1/2006.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat.

Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu gew ammessi mill-imputat u ghalhekk huma sodisfacjament pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammisjoni bikrija ta' l-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija f'dawn il-proceduri. Ikkunsidrat ukoll il-fatt mhux kontestat mill-prosekuzzjoni li l-imputat qed jipprova jirriabilita ruhu minn problema ta' droga.

Illi jirrizulta li, ghalkemm il-fedina penali tieghu mhux netta, l-imputat ghamel biss reati minuri ghajr dak ghall-pussess ta’ droga fis-sena 1999.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li piena karcerarja effettiva mhux indikata.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 41, 92, 95, 96, 338 (dd), 338 (ee), 338 (g) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 3 u 4 tal-Bye Law tal-Kunsill Lokali tal-Pieta’ li saret in vigore f’Lulju, 2006 (Government Gazette of Malta No.17, 941 – 11.07.2006) fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet lilu adebiti u tikkundannah ghall-multa ta’ (Tletin Lira Maltija) LM30 kif ukoll piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ sitt xhur liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghall-perjodu ta’ tlett snin. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28G tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tpoggi lill-hati taht ordni ta’ supervizjoni ghall-perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28G jekk ma jikkonformax ruhu ma’ l-ordni ta’ supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficcjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Anthony Mallia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------